MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 216/2004

Strand Electonics Limited
vs
Angelic Mifsud f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` P.C. Technologies Limited (C 27594)

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet illi:

Peress illi l-konvenut proprio et nomine huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma kumplessiva ta' sitt elef tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,888.50) liema somma tinkludi VAT, rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' sitt elef hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm6,555) il-kera dovuta mill-konvenut proprio et nomine ghall-kirja ta' *'photocopy machine'* tal-mudell KmC83O, flimkien ma' l-apparat relattiv ghall-perjodu bejn it-13 ta' Jannar 2003 u t-12 ta' Jannar, 2008,

skond Schedule A tal-ftehim datat 1-10 ta’ Jannar 2003 anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok ‘AD1’ u in kwantu ghar-rimanenti somma ta’ tlett mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lrn333.50) rapprezentanti prezz dovut mill-konvenut proprio et nomine ghall-bejgh ta’ zewg (2) ‘printers’ skond *l-’ïnvoice’* annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok ‘AD2’ u dan oltre l-ammont ulterjuri pero` mhux likwidat, imsemmi fit-tielet premessa tac-citazzjoni odjerna.

Peress illi ghal dak li jirrigwarda l-‘*photocopy machine’* il-konvenut proprio et nomine tilef il-beneficcju tat-terminu lilu koncess ai termini tal-klawzola 5(b) tal-ftehim fuq imsemmi, b’ dan illi l-ammont kollu ta’ kera dovut sa l-ahhar tal-ftehim kien gie dovut fl-intjier tieghu u kien ghadu hekk dovut sal-gurnata tal-lum.  Dan stante li l-istess konvenut proprio et nomine naqas milli jhallas tliet pagamenti mensili u konsekuttivi nonostante diversi interpellazzjonijiet anke ufficjali maghmula lilu mis-socjeta` attrici stess.

Peress illi oltre ghall-imsemmija kirja mensili l-konvenut proprio et nomine huwa debitur ukoll tas-socjeta` attrici versu ammont li ghad irid jigi likwidat u li s-socjeta` attrici kienet impeduta jew ostakolata milli tikkalkulah stante li qatt ma kellha access ghall-‘photocopier’ mikrija lill-konvenut proprio et nomine, liema ammont jirrapprezenta prezz dovut ghall-photocopies kollha li setghu gew effettwati mill-konvenut proprio et nomine mill-bidu tal-kirja, ai termini tal-ftehim hawn fuq imsemmi, liema prezz, kellu jkun dak ta’ 6 millezimi ghal kull kopja bla kulur, u 9 centezmi ghal kull kopja bil-kulur.

Peress illi ai termini tal-klawsola numru 5(a) tal-ftehim imsemmi, is-socjeta` attrici kellha l-fakolta` li tittermina l-imsemmi ftehim ai finijiet u effetti kollha tal-ligi f’ kaz illi jkun hemm ksur min-naha tal-konvenut proprio et nomine tal-patti u kundizzjonijiet ta’ l-istess kif inhu l-kaz odjern, u dan oltre d-dritt taghha li tiehu lura l-pussess tal-‘*photocopy machine’* mikrija lill-konvenut proprio et nomine liema *‘photocopy machine’* dejjem kienet u baqghet proprjeta` assoluta tas-socjeta` attrici.

Peress illi ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet mis-socjeta` attrici lill-konvenut proprio et nomine sabiex ihallas l-ammont dovut, l-istess konvenut baqa' inadempjenti.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-ftehim datat l-10 ta' Jannar, 2003 gie terminat ai finijiet u effetti kollha tal-ligi stante li l-patti u l-kundizzjonijiet tal-ftehim imsemmi gew miksurin minhabba l-morozita` kontinwa u konsekuttiva tal-konvenut proprio et nomine li jhallas il-pagamenti mensili dovuti minnu.

2. Tiddikjara li inoltre s-socjeta` attrici ghandha d-dritt illi tiehu lura l-pussess tal-'*photocopy machine'* mikrija lill-konvenut proprio et nomine liema *'photocopy machine'* dejjem kienet u baqghet proprjeta` assoluta tas-socjeta` attrici.

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jrodd lura fil-pussess tas-socjeta` attrici l-'*photocopy machine'* imsemmija, u fin-nuqqas, ihallas ammont ekwivalenti ghall-prezz tal-istess u cioe` sitt elef hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,555.50) liema somma tinkludi VAT.

4. Tiddikjara l-konvenut proprio et nomine debitur tas-socjeta` attrici fis-somma kumplessiva ta' sitt elef tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,888.50) liema somma tinkludi VAT, rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' sitt elef hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm6,555) il-kirja dovuta mill-konvenut proprio et nomine ghall-kirja ta' *'photocopy machine'* tal-mudell KmC83O, flimkien ma' l-apparat relattiv ghall-perjodu bejn it-13 ta' Jannar, 2003 u t-12 ta' Jannar, 2008, skond Schedule A tal-ftehim datat l-10 ta' Jannar, 2003 anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok 'AD1' u in kwantu ghar-rimanenti somma ta' tlett mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsin (Lm333.50) rapprezentanti prezz dovut mill-konvenut proprio et nomine ghall-bejgh ta' zewg (2) 'printers' skond l-*'invoice'* annessa mac-citazzjoni u

mmarkata Dok ‘AD2’ u dan oltre l-ammont li kellu jigi likwidat mill-Qorti, jekk ikun il-kaz, ai termini tat-talba numru (7).

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas is-somma kumplessiva ta’ sitt elef tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,888.50) kif fuq imsemmi liema somma tinkludi rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ sitt elef hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm6,555) il-kirja dovuta mill-konvenut proprio et nomine ghall-kirja ta’ *‘photocopy machine’* tal-mudell KmC83O, flimkien ma’ l-apparat relattiv ghall-perjodu bejn it-13 ta’ Jannar, 2003 u t-12 ta’ Jannar 2008, skond Schedule A tal-ftehim datat l-10 ta’ Jannar, 2003 anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok ‘AD1’ u in kwantu ghar-rimanenti somma ta’ tliet mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsin (Lm333.50) rapprezentanti prezz dovut mill-konvenut proprio et nomine ghall-bejgh ta’ zewg (2) ‘printers’ skond l-*‘invoice’* annessa mac-ciatazzjoni u mmarkata Dok ‘AD2’.

6. Tiddikjara li s-socjeta` attrici hija intitolata tircievi minghand il-konvenut proprio et nomine, is-somma rapprezentanti prezz ghall-‘photocopies’ kollha li setghu gew effettwati minnu mill-bidu tal-kirja, kif fuq suespost.

7. Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta` attrici mill-konvenut proprio et nomine in linea ta’ prezz dovut ghall-‘*photocopies’* kollha li setghu gew effettwati minnu mill-bidu tal-kirja, kif fuq suespost, u dan bl-opera ta’ periti nominandi jekk ikun il-kaz.

8. Tordna u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata ai termini tat talba (7).

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficjali datata 15 ta’ Mejju, 2003 u tal-mandati ta’ sekwestru u qbid it-tnejn datati l-1 ta’ Lulju, 2003 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut proprio et nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta`attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Illi fis-seduta tal-lum giet prezentata nota ta' ammissjoni minn Dr. Godfrey Gauci Maistre ghall-attur proprio et nomine li kien prezenti fl-awla.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi fuq ammissjoni tal-konvenut proprio et nomine, il-Qorti tilqa' t-talbiet dedotti fic-citazzjoni u tiddikjara li l-ftehim datat l-10 ta' Jannar, 2003 gie terminat ai finijiet u effetti kollha tal-ligi; tiddikjara li inoltre s-socjeta` attrici ghandha d-dritt illi tiehu lura l-pussess tal-'*photocopy machine'* mikrija lill-konvenut proprio et nomine liema *'photocopy machine'* dejjem kienet u baqghet proprjeta` assoluta tas-socjeta` attrici; tordna u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jrodd lura fil-pussess tas-socjeta` attrici l-'*photocopy machine'* imsemmija, u fin-nuqqas, ihallas ammont ekwivalenti ghall-prezz tal-istess u cioe` sitt elef hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,555.50) liema somma tinkludi VAT; tiddikjara l-konvenut proprio et nomine debitur tas-socjeta` attrici fis-somma kumplessiva ta' sitt elef tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,888.50) liema somma tinkludi VAT; tordna u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas is-somma kumplessiva ta' sitt elef tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,888.50) kif fuq imsemmi; tiddikjara li s-socjeta` attrici hija intitolata tircievi minghand il-konvenut proprio et nomine, is-somma rapprezentanti prezz ghall-'photocopies' kollha li setghu gew effettwati minnu mill-bidu tal-kirja, kif fuq suespost.

Spejjez kontra l-konvenut proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------